MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1349/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**NATANAEL GOYTOM**
**GERMAY KEFLE TEWELDE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Natanael Goytom, detentur bin-numru tal-Pulizija 120-039 u l-imsemmi Germay Kefle Tewelde, detentur bin-numru tal-Pulizija 120-054.

**Akkuzati talli:**

Fit-23 ta` Dicembru, 2012 u ix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, taw jew hallew li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta` fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom passaport mahrug lil persuna ohra, kif ukoll ircivew passaport mahrug lil haddiehor. Dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikolu 32 (1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara l-ammissjoni volontarja u ikkondizzjonata tal-imputati, ma thalliet ebda alternattiva ohra ghal din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputati hatja tal- akkuzi kif dedotti fir-rigward tal-piena u tikkundannhom ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1) a tenur tal-Artikolu 28A tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti tordna li dan il-perjodu jigi sospiz b'terminu ta` sena (1) u jibda jsehh biss jekk dawn l-imputati jikkommettew reat iehor f'dan iz-zmien li mieghu ggib piena ta` prigunerija.

Il-Qorti qiedgha tordna wkoll ir-rilaxx tal-passaport lill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------